"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 19 ta' Ottubru 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 10/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Cuschieri ipproponiet u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/10 -* Il-Klabb Regatta Birżebbuġa Freeport ressaq talba quddiem il-Kamra sabiex jitpoġġa *container* ta' 40 pied f'Wied Il-Buni ħdejn is-Sailing Club sabiex iżommu dgħajjes fih. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba pero' rrimarkat li jekk joħroġ il-permess tal-MEPA għall-*embellishment* tal-parkeġġ ta' Wied Il-Buni il-*container* ikun irid jitneħħa.

***AĠENDA -3***

J.Baldacchino informa l-Kamra fir-rigward tal-ittra li ntbagħtet minn avukat lill-Kumitat Konġunt Kunsilli Lokali Grupp I. Din l-ittra qed takkuża lill-Kumitat Konġunt li m'huwiex iħallas lil Sterling Security Co. Ltd. tas-servizzi li qed toffri l-Kunsilli Lokali. Wara laqgħat li saru mal-Kumitat inħatar *Authorised Officer* ġdid sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ kif ukoll jinvestiga l-każ. Il-Kamra ġiet infurmata wkoll li twaqqaf is-servizz tal-*Green Warden* sakemm il-każ jiġi solvut.

***AĠENDA -4***

Is-Sindku ressaq disinn quddiem il-Kamra fir-rigward ta' monument li jirrappreżenta il-motto ta' Birżebbuġa 'Paċi u Saħħa lil Kulħadd' sabiex jitwaħħal fir-*roundabout* ta' Misraħ il-Knisja. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li apparti l-monument u li r-*roundabout* tiġi *embellished*, jitħejjew il-pjanti biex Triq Żarenu Dalli tiġi rranġata u ssir 'Avenue'. Bħala Sindku tal-lokal għal dawn l-aħħar sittax-il sena hu wera x-xewqa li l-monument innifsu jitħallas minnu filwaqt li l-bqija tal-proġett jiġi ffinanzjat mill-U.I.F. Il-Kamra faħħret id-disinji imressqa u qablet ma' dan il-proġett. Fl-aħħar is-Sindku rrimarka li għalkemm inħareġ avviż għar-residenti ta' Birżebbuġa sabiex jagħtu d-disinji tagħhom għal dan il-monument ħadd mil-lokal ma ssottometta disinji.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Ottubru 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €37,955.10 titħallas skond Skeda Nru. 10/10.

***AĠENDA -6***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

   - nhar is-Sibt, 30 ta' Ottubru, il-Viċi-Sindku ser jieħu sehem fil-programm televiżiv 'Sibtijiet Flimkien'.

   - fir-rigward tal-problema ta' l-għoli tal-baħar inkitbet ittra lill-Ministru George Pullicino biex isir l-istudju meħtieġ sabiex tissolva l-problema, pero' sal-lum kulma għadu rċieva l-Kunsill hi *acknowledgement.*

   - minħabba l-problema ta' l-għoli tal-baħar issejħet laqgħa nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2010 mal-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti kif ukoll mal-bejjiegħa tal-monti (li jarmaw minn Triq it-Tankijiet sa Triq San Ġorġ) sabiex jiġu rilokati l-postijiet ta' bejgħ fi Triq San Mikiel. Dan ser isir sabiex it-traffiku jkun jista' jiġi *diverted* minn Triq it-Tankijiet meta jinqala' l-bżonn.

2. J.Baldacchino informa l-Kamra li 'Jum L-Anzjan' ser issir nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2010.

3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-pjanti tal-proġett ta' Wied il-Buni li hemm pendenti quddiem il-MEPA għandhom jiġu amendati u titneħħa l-parti li hemm proposta l-venda tal-linja fiha minħabba l-problema tal-biċċa art li l-Kunsill għandu bżonn mingħand il-Port Ħieles. Kulħadd qabel.

4. T.Roberts ippreżenta quddiem il-Kamra *traffic management plan* għal Triq l-Arzella u Triq il-Ħaruf. Il-Kamra qablet ma' din il-proposta u għaldaqstant ser napplikaw it-Transport Malta għal approvazzjoni.

5. S.Cuschieri informat lill-Kamra li ser torganizza *bookfair* ġewwa l-Youth Centre bil-qligħ tagħha ser imur b'risq il-Community Chest Fund nhar id-19, 20 u 21 ta' Novembru 2010. Kulħadd qabel.

6. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn jiġu mneħħija karrijiet, dgħajsa u skart minn Triq il-Port Ħieles kantuniera ma' Triq Sant'Anġlu. Ukoll irrimarka li fi Triq il-Brolli hemm bżonn jinġabar ammont ta' ħġieġ imkisser.

7. B.Pace ippreżentat lil kull Kunsillier programm fir-rigward tal-Ftehim ta' Ħbiberija li ser isir ma' Porto San Giorgio nhar il-25, 26, 27 u 28 ta' Ottubru 2010.

8. Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra :-

a) ir-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' 'Jum il-Missier' fejn id-dħul kien ta' €1640 u l-ħruġ kien ta' €2087.80. Il-Kamra approvat diskrepanza ta' €447.80.

b) ir-rapport finanzjarju li jkopri 'Jum Birżebbuġa' fejn il-Kamra approvat spiża ta' €2229.99.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-7.45pm. Seduta oħra ser issir nhar, it-Tlieta, 16 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm. .

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **................................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## *Schedule of Payments 10/10*

## *Period 01/10/2010 till 31/10/2010*

| Cheque | To | For | Amount |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 8165 | Joseph Grech | Quantity Surveyer | €1,421.00 |
| 8166 | Tino 2000 | General Expenses | €15.36 |
| 8167 | Carmen Debattista | Library Opening for the month of Sept '10 | €93.28 |
| 8168 | Charlie Fenech | Tipper Truck Sept '10 | €1,320.00 |
| 8169 | Matthew Debono | Iron Railings | €440.00 |
| 8170 | Golden Gate Co. Ltd | Ink | €347.37 |
| 8171 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €296.76 |
| 8172 | Andrew Fleri Soler | Servicing of photocopier | €265.00 |
| 8173 | Marindex Limited | Tokens -Jum Birzebbuga | €230.00 |
| 8174 | J.Farrugia Ironmongery | Hardware supplies | €273.13 |
| 8175 | J.J. Ironmongery | Hardware supplies | €1,888.05 |
| 8142 - 47 | Salaries | Salaries and Wages Sept. 10 | €4,976.22 |
| 8154 | Turbolights | Rental of equipment - Jum B'Buga 2010 | €488.52 |
| 8153 | The Sound System Co. Ltd | Hire of Audio equipment - Jum B'Buga 2010 | €250.01 |
| 8152 | Thea Garrett | Performance - Jum B'Buga 2010 | €120.00 |
| 8155 | Anna Bonnet | Presenter - Jum Birzebbuga | €100.00 |
| 8151 | Kristina Casolani | Performance - Jum B'Buga 2010 | €120.00 |
| 8156 | Mario Cremona | Audio - Jum Birzebbuga | €50.00 |
| 8150 | Pierre Cachia | Event Coordinator - Jum B'Buga 2010 | €350.00 |
| 8178 | Leon Promotions | Animation & Music Serv - Trad. Games Fest. | €1,120.00 |
| 8179 | Roderick Castillo | Flags & PA System - Trad. Games Festival | €842.00 |
| 8180 | Mark Grech | Animation & Folk Group - Trad. Games Fest. | €585.00 |
| 8181 | Maria Gellel | Karozzin & Freddie Portelli - Trad.Games Fest | €660.00 |
| 8182 | Pauline Ellul | Office Cleaning Sept 2010 | €76.00 |
| 8183 | Joseph Micallef | Lighting Repairs/Maintenance | €1,947.09 |
| 8184 | Ronald Bezzina | Mechanical Sweeping Sept 2010 | €780.00 |
| 8184 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Convenience Sept 10 | €1,017.29 |
| 8184 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Place Sept 2010 | €332.92 |
| 8185 | New Era Waste Services | Extra Sweeping Sept'10 | €566.40 |
| 8185 | New Era Waste Services | Street Cleaning Sept 2010 | €1,939.58 |
| 8186 | ELC | Upkeep Public Gardens Sept 2010 | €1,147.92 |
| 8158 | RVS Ltd. | Refuse Collection  Sept 2010 | €8,008.00 |
| 8187 | Alison Vasuani | Books - Library | €52.23 |
| 8188 | Michael Magro | Reimbursed Exp- Aug & Sept + Extra Trips | €113.50 |
| 8189 | Raymond Vella | Reimbursed Exp- Aug & Sept + Extra Trips | €98.00 |
| 8190 | Media Link Communications Co Ltd | Advert | €54.75 |
| 8113 | Malta Post | Stamps | €95.00 |
| 8191 | Go plc | Telephone expenses | €414.31 |
| 8192 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Supply of Kerbs, Droppers & Concrete | €315.15 |
| 8193 | Best Print Co. Ltd. | Posters | €135.70 |
| 8194 | Melita plc | Rental | €15.47 |
| 8195 | Nexos Street Lighting Ltd | Lighting Repairs/Maintenance | €1,440.68 |
| 8141 | Citadel Insurance | Small & Medium Enterprise Ins. Policy | €1,944.77 |
| 8159 | DOI | Advert | €18.64 |
| 8160 | OPM | Advert | €100.00 |
| 8161 | MEPA | Building Levy - Football ground | €140.00 |
| 8094 | Michael Magro | Office Maintenance | €950.00 |
| | | **Total Paid** | **€37,955.10** |

| Signature: | Date: | Resolution No: | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |